# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 14 ta' Ġunju, 2023

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 13/2022 ISB**

**Marco Aquilina,** detentur tal-karta ta' l-identita' numru 105069(M), u **Euro Concrete Blocks Limited,** bin-numru ta' reġistrazzjoni C 16202

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Marco Aquilina** u s-soċjeta` **Euro Concrete Blocks Limited**, intavolat fit-8 ta' Frar 2022, li permezz tiegħu huma talbu lil-Qorti sabiex:-

*"...tilqa' din l-oggezzjoni u, konsegwentement, u salv kull dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna, tiddikjara illi l-penali pretizi mir-Registratur tal-Kumpaniji intimat fl-ittra ufficjali promutorja tieghu m'hijiex dovuta skond il-ligi, in toto jew in parte, mill-istess esponenti Marco Aquilina u Euro Concrete Blocks Limited, u dan salv kull provvediment ulterjuri li din l-istess Onorabbli Qorti jista' joghgogha timponi."*

U dan wara li ppermettew:

*ILLI, permezz ta' ittra ufficjali tal-20 ta' Jannar 2022, ossija ittra ufficjali numru 268/22 - li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala* ***DOK: A*** *- l-esponenti Marco Aquilina u Euro Concrete Blocks Limited gew interpellati sabiex ihallsu, lir-Registratur tal-Kumpaniji intimat, is-somma kumplessiva ta' sittax-il elf hames mija u tlieta u hamsin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€16,553.75) rapprezentanti penali li gew inkorsi mill-istess esponenti Marco Aquilina u Euro Concrete Blocks Limited minhabba li, allegatament, huma kienu naqsu milli josservaw il-provvedimenti tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta), u dan anke skond kif gie indikat fl-avviz tal-5 ta' Novembru 2021 li gie anness mal-istess ittra ufficjali promutorja bhala dokument "A":*

*ILLI, permezz tal-procedimenti odjerni, l-esponenti Marco Aquilina u Euro Concrete Blocks Limited qieghdin joggezzjonaw ghall-pretensjonijiet tar-Registratur tal-Kumpaniji intimat, kif dedotti fl-ittra ufficjali promutorja u fl-avviz hawn fuq imsemmija, u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

***I.*** *ILLI, in linea preliminari, l-azzjoni tar-Registratur tal-Kumpaniji intimat ghall-gbir tal- penali allegatament dovuti mill-esponenti Marco Aquilina u Euro Concrete Blocks Limited hija preskritta bid-dekors ta' hames (5) snin, u dan skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 427 (3) tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta);*

***II.*** *ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent Marco Aquilina ma huwiex il-legittimu kontradittur ta' dik il-parti tal-azzjoni tar-Registratur tal-Kumpaniji intimat li tirreferi ghall-gbir ta' penali allegatament dovuti ghall-perjodu ta' qabel il-11 ta' Mejju 2011, u dan billi kien biss f'din l-istess datat tal-11 ta' Mejju 2011 li l-esponent Marco Aquilina inhatar bhala direttur, ossija ufficjal, tal-esponenti Euro Concrete Blocks Limited, u dan kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala* ***DOK: B****;*

***III.*** *ILLI, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-avviz tal-5 ta' Novembru 2021, li gie anness mal-ittra ufficjali promutorja tar-Registratur tal-Kumpaniji intimat bhala dokument "A", inhareg biss fil-konfront tal-esponent Marco Aquilina, u mhux ukoll fil-konfront tal-esponenti Euro Concrete Blocks Limited, u ghalhekk dan l-istess avviz ma jista' qatt jaghmel stat - ossija ma jista' qatt jikkostitwixxi titolu ezekuttiv - fil-konfront tal-istess esponenti Euro Concrete Blocks Limited ghall-finijiet u l-effetti kollha tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 401 (4) tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta);*

***IV.*** *ILLI fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, jispetta unikament lir-Registratur tal-Kumpaniji intimat illi jressaq prova cara u skond il-ligi dwar kif u meta l-esponenti Marco Aquilina u Euro Concrete Blocks Limited naqsu milli josservaw il-provvedimenti tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta) kif allegat;*

***V.*** *ILLI, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, jispetta unikament lir-Registratur tal-Kumpaniji intimat illi jressaq prova cara u skond il-ligi li l-penali pretizi minnu, fl-ammont ta' sittax-il elf hames mija u tlieta u hamsin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€16,553.75), gew ikkalkolati in konformita' assoluta mad-disposizzjonijiet tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Kapitolu386 tal-Ligijiet ta' Malta), kif emendat matul is-snin;*

***VI.*** *ILLI, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni tar-Registratur tal-Kumpaniji intimat ghall-gbir tal-penali allegatament dovuti mill-esponenti Marco Aquilina u Euro Concrete Blocks Limited hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 6 sa fol 8)

Rat **id-digriet** tagħha, tal-4 ta' Marzu 2022, minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tad-9 ta' Marzu 2022 fil-12:15p.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2022 deher l-Avukat Alexander Schembri għar-rikorrenti u l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur

intimat, li minn naha taghha gharrfet lill-Qorti illi dak in-nhar stess kienet giet pprezentata r-risposta.

Rat illi f'dik l-istess udjenza, id-difensur tar-rikorrenti rrefera għar-riferta tar-Reġistratur intimat li kienet tindika li n-notifika saret fis-7 ta' Marzu 2022 u li ai termini tal-Artikolu 401(10) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-risposta kellha tiġi ntavolata fir-Reġistru sal-ġurnata preċedenti ghas-seduta u għalhekk la darba r-risposta kienet ġiet intavolata dakinhar, huwa sostna l-inammissibilita` tar-risposta u talab li tiġi sfilzata u jitqies daqs li kieku r-Reġistratur intimat ma ressaqx risposta.

Rat illi d-difensur tal-intimat irrimettiet ruħha għat-talba;

Rat illi l-Qorti ghaddiet biex laqgħet it-talba u ghalhekk tqis lir-Registratur intimat fi stat ta' kontumacja.

Rat n-nota tar-rikorrenti intavolata fil-21 ta' Lulju 2022 (fol 35), li permezz tagħha ppreżentaw l-affidavit tar-rikorrent **Marco Aquilina** b'dokumenti annessi (fol 36 sa fol 47).

Rat illi fl-udjenza tas-14 t'Ottubru 2022, id-difensur tar-rikorrenti ddikajra li ma kellux iktar provi x'jipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 2023, il-partijiet trattaw il-kawża u ġiet differita għall-udjenza ta' llum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti in segwitu għall-ittra uffiċjali bir-referenza 268/22, datata 20 ta' Jannar 2022 u pprezentata fir-Registru ta' din l-istess Qorti, u fejn ir-rikorrenti ġew interpellati mir-Reġistratur intimat sabiex iħallsu s-somma ta' sittax -il elf, ħames mija u tlieta u ħamsin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€16,553.75) rappreżentanti penali li ġew allegatament inkorsi mir-rikorrenti minħabba li huma kienu naqsu milli josservaw il-provvedimenti tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-liema pretensjonijiet u penali ir-rikorrenti qeghdin joġġezzjonaw.

Ir-rikorrenti jsostnu li l-azzjoni tar-Reġistratur intimat hija preskritta bid-dekors ta' ħames (5) snin ai termini tal-**artikolu 427(3) tal-Kap 386** tal-Liġijiet ta' Malta.

Isostnu wkoll li r-rikorrent Marco Aquilina mhuwiex il-leġittimu kontradittur ta' dik il-parti tal-azzjoni li tirreferi għal ġbir ta' penali allegatament dovuti għall-perjodu qabel il-11 ta' Mejju 2011 u dana stante li kien f'dik id-data li l-istess rikorrent inħatar direttur tas-soċjeta' rikorrenti u allura sar ufficjal taghha.

Jikkontendu li l-avviż tal-5 ta' Novembru 2021, li ġie anness mal-ittra uffiċjali tar-Reġistratur intimat, inħareġ biss fil-konfront tar-rikorrent Marco Aquilina u mhux ukoll fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti u għalhekk ma jista' qatt jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-konfront tal-istess soċjeta' ai termini tal-Artikolu 401(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Isostnu li jispetta unikament lir-Reġistratur tal-Kumpaniji li jressaq prova ċara dwar kif u meta ir-rikorrenti naqsu milli josservaw il-provvedimenti tal-Att dwar il-Kumpaniji. Jgħidu ulterjorment li jispetta unikament lir-Reġistratur intimat li jressaq prova ċara li l-penali pretiżi minnu ġew ikkalkolati in konformita' assoluta mad-disposizzjonijiet tal-Att Dwar il-Kumpaniji.

## Provi

Fl-affidavit tiegħu, ir-rikorrent **Marco Aquilina** jgħid li fis-26 ta' Jannar 2022, il-kumpanija Euro Concrete Block Limited (C 16202) ġiet notifikata b'ittra uffiċjali li kienet saret kontra tagħha mir-Reġistratur tal-Kumpaniji u li permezz tagħha l-istess Reġistratur kien talab illi jitħallas is-somma ta' sittax -il elf, ħames mija u tlieta u ħamsin Ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€16,553.75) rappreżentanti penali li kienu ġew imposti minħabba li allegatament Euro Concrete Block Limited kienet naqset milli tosserva l-provvedimenti tal-Att dwar il-Kumpaniji. Jispjega li l-imsemmija ittra jidher illi kienet saret anke kontrih personalment iżda hu baqa' qatt ma ġie notifikat biha.

Jgħid li l-ittra tgħid li kienu diġa notifikati b'avviż li ġie anness mal-istess ittra iżda tali avviż kien inħareġ biss lilu personlament u mhux kontra s-soċjeta` rikorrenti wkoll. Jispjega ulterjorment li ma jiftakarx li qatt irċieva l-istess avviż.

Jgħid li hu kien inħatar direttur tas-soċjeta' rikorrenti fil-11 ta' Mejju 2011 u minn dak iż-żmien sakemm is-soċjeta' rikorrenti irċeviet l-ittra uffiċjali fis-26 ta' Jannar 2022, la hu u lanqas is-soċjeta' rikorrenti qatt ma kienu rċevew xi korrispondenza jew xi karta bil-Qorti dwar l-istess penali.

Oltre` minn hekk, jgħid li minkejja li kien hemm tabella li tgħid li l-ammont fuq imsemmi huwa dovut, għadu sa llum ma jafx fhiex jikkonsisti tali ammont u dan għaliex it-tabella ma fihiex spjegazzjoni suffiċjenti dwar kif u għaliex ġew imposti l-penali, taħt liema disposizzjoni tal-liġi, għall-liema perjodu u dettalji oħrajn sabiex wieħed ikun jista' jifhem dan.

Jgħid li minkejja dan, jidher li uħud mill-ammonti mitluba mir-Reġistratur imorru lura iktar minn tnax (12) -il sena u ċioe għall-2010. Jispjega li għalkemm l-Avukat tiegħu kiteb lir-Reġistratur sabiex jitlob spjegazzjoni dwar fhiex jikkonsistu l-ammonti, baqa' qatt ma rċieva risposta.

Isostni li s-soċjeta' rikorrenti hija magħmula minn diversi diretturi u azzjonisti u ma jidhirlu li hemm l-ebda dokument li kellu jiġi sottomess u li għadu ma ġiex sottomess mis-soċjeta' rikorrenti lir-Reġistratur.

Mill-atti jirrizulta illi l-ittra ufficjali kienet indirizzata lil Marco Aquilina u s-socjeta' Euro Concrete Blocks Limited, izda l-anness avviz tal-5 ta' Novembru 2021 kien indirizzat biss lil Marco Aquilina.

Mill-atti pprezentati ma jirrizultax notifika tal-ittra ufficjali, ghalkemm il-Qorti tistrieh fuq dak dikjarat minn Marco Aquilina illi hu gie debitament notifikat (inoltre` kieku ma ressaqx dawn il-proceduri) izda ma jirrizultax illi l-kumpannija msemmija giet notifikata.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Il-Ligi**

Il-proċedura dwar kif persuna tappella minn avviż dwar Penali imposti mir-Reġistratur tal-Kumpaniji tinsab fl-**artikolu 401(3) sa (16) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jgħidu testwalment hekk:

> (*3) Meta r-Reġistratur jagħti avviż bil-miktub lil xi persuna li dik il-persuna saret suġġetta għal penali taħt dan l-Att li jispeċifika x-xorta tal-ksur tal-liġi u jindika ammont dovut bħala penali għal dak ir-reat, il-persuna li lilha jkun ingħata l-avviż titqies, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (4) sa (17), li tkun weħlet penali taħt dan l-Att, kif ukoll xi penali dovuta għal kull jum li matulu n-nuqqas ikompli u l-ammont indikat kif intqal qabel li hu dovut bħala penali għandu jitqies li jkun il-penali dovut taħt dan l-Att għall-ksur tal-liġi speċifikat fl-avviż.*

*(4) Avviż kif imsemmi fis-subartikolu (3) għandu, man-notifika ta' kopja tiegħu bil-mezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna murija fl-avviż, jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u l-finijiet kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kemm-il darba dik il-persuna, fi żmien tletin jum mid-data ta' dik in-notifika, ma tibdix proċedimenti quddiem il-qorti fejn toġġezzjona għall-penali hekk stabbilita.*

*(5) Meta xi persuna tkun tixtieq tibda' proċedimenti biex toġġezzjona għal penali imsemmija fis-subartikolu (3), dawk il-proċedimenti għandhom jibdew b'rikors kontra r-Reġistratur.*

*(6) Ir-rikors għandu, taħt piena ta' nullità, jgħid b'mod ċar u fil-qosor ix-xorta tal-oġġezzjoni, il-fatti li minnhom inqalgħet l-oġġezzjoni, ir-raġunijiet għaliex dik l-oġġezzjoni għandha tkun milqugħa, u t-talba li l-penali ma tkunx dovuta skont il-liġi jew tkun dovuta skont il-liġi f'ammont iżgħar.*

*(7) Il-qorti ma għandiex tannulla jew tnaqqas penali kif intqal qabel kemm-il darba dik il-penali ma tkunx tista' skont il-liġi tkun imposta fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jew ma tistax skont il-liġi tkun imposta fl-ammont stabbilit mir-Reġistratur.*

*(8) Ir-rikorrent għandu jehmeż mar-rikors dawk id-dokumenti kollha li jsostnu t-talba tiegħu li jkun jista' jipproduċi, u għandu jindika fir-rikors tiegħu l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun bi ħsiebu jressaq u jgħid, dwar kull wieħed, il-prova li jkun bi ħsiebu jagħmel.*

*(9) Il-qorti għandha, mingħajr dewmien, tqiegħed ir-rikors għas-smigħ f'data kmieni, liema data ma għandha f'ebda każ tkun iktar tard minn tletin jum mid-data tal-preżentata tar-rikors.*

*(10) Ir-rikors, u l-avviż tad-data stabbilita għas-smigħ, ikunu notifikati lir-Reġistratur mingħajr dewmien, u l-imsemmi Reġistratur għandu jippreżenta r-risposta tiegħu fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika tar-rikors.*

*(11) Ir-Reġistratur għandu, fir-risposta tiegħu, jgħid b'mod ċar u fil-qosor jekk jaqbilx mal-fatti dikjarati fir-rikors, u r-raġunijiet għaliex joġġezzjona għat-talba; dan għandu ukoll jiddikjara fir-*

*risposta tiegħu x-xhieda li jsostnu r-raġunijiet tiegħu u jehmeżmagħha d-dokumenti kollha li jsostnuhom.*

*(12) Fil-jum stabbilit għas-smigħ tar-rikors, il-qorti għandha tikkunsidra l-kwistjonijiet ta' fatt u ta' liġi li jistgħu jkunu biss aċċertati mir-rikors, risposta jew dokumenti ppreżentati, minn kull waħda mill-partijiet, jew mix-xhieda ndikati minn kull waħda mill-partijiet fir-rikors jew fir-risposta, skont il-każ, jew mis-sottomissjonijiet verbali ta' kull waħda mill-partijiet.*

*(13) Il-qorti għandha tisma' r-rikors sakemm ikun mitmum fi żmien ħamest' ijiem tax-xogħol mid-data stabbilita għas-smigħ oriġinali tar-rikors, u ma jingħata ebda aġġornament ħlief jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet, jew għal raġuni eċċezzjonali li tkun reġistrata mill-qorti, u dik id-data aġġornata għandha tkun mhux iktar tard minn dak li hu ġustifikat għal dik ir-raġuni.*

*(14) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu,id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar provedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandhom japplikaw dwar kull rikors bħal dak.*

*(15) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, it-titolu eżekutiv imsemmi fis-subartikolu (4) ma jkunx jista' jiġi nfurzat qabel ma jgħaddu tletin jum min-notifika tal-att ġudizzjarju hemmhekk imsemmi.*

*(16) Id-deċiżjoni tal-qorti fuq rikors imsemmi fis-subartikolu(5), li tikkonferma l-impożizzjoni ta' penali stabbilita mir-Reġistratur jew li tnaqqas dik il-penali, għandha, meta ssir res judicata, titqies li hi deċiżjoni tal-qorti li tordna l-ħlas mir-rikorrent tal-penali kif konfermata jew imnaqqsa.*

Il-Qorti tibda' biex tosserva li f'dan il-każ, ir-rikorrenti intavolaw rikors li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 401(6), iżda l-intimat Reġistratur naqas milli jippreżenta r-risposta tiegħu fiz-zmien li trid il-ligi u konsegwentament, anke ghaliex dan gie sollevat mill-abbli difensur tar-rikorrenti, kif degretat fl-udjenza tat-22 ta' Marzu 2022, ir-risposta tar-Registratur intimat giet dikjarata inammissibbli u giet sfilzata. Huwa għalhekk illi fiċ-ċirkostanzi, il-provi mressqa mir-rikorrenti jirrizulta illi huma nkontestati.

Jirriżulta ghalhekk illi l-unika prova in sostenn tal-penali mitluba huwa r-rendikont li kien anness mal-ittra uffiċjali fuq msemmija (a fol 7) fejn ir-Reġistratur intimat indika l-penali u taħt liema kap tal-liġi kienu dovuti – skond kif esebita mill-istess rikorrenti.

Il-ligi tghid espressament illi *"meta r-Reġistratur jagħti avviż bil-miktub lil xi persuna li dik il-persuna saret suġġetta għal penali taħt dan l-Att li jispeċifika x-xorta tal-ksur tal-liġi u jindika ammont dovut bħala penali għal dak ir-reat, il-persuna li lilha jkun ingħata l-avviż titqies, ……….. li tkun weħlet penali taħt dan l-Att ……….. u l-ammont indikat kif intqal qabel li hu dovut bħala penali għandu jitqies li jkun il-penali dovut taħt dan l-Att għall-ksur tal-liġi speċifikat fl-avviż.*

Minn qari akkurat tal-provediment tal-ligi hawn fuq kkwotat ghalhekk, huma tnejn ir-rekwiziti bil-ligi necessarji meta r-Registratur jaghti l-avviz de quo –

(a) illi jkun specifikat il-ksur tal-ligi u
(b) illi jkun indikat l-ammont dovut bhala penali ghal dak ir-reat.

Di piu`, tosserva l-Qorti, il-legislatur kien car fil-kliem uzat. Jghid illi hemm il-prezunzjoni illi l-persuna notifikata tkun fil-fatt wehhlet dak l-ammont mitlub u aktar minn hekk, illi dak l-ammont huwa penali dovut ghal ksur tal-ligi kif specifikat fl-Avviz.

Il-ligi mbaghad taghti rimedju lill-persuna/i hekk notifikata/i billi tissosspendi l-ezekuzzjoni tal-ammont mitlub mir-Registratur bi tletin gurnata li fihom tali persuna/i jista' jressaq rikors, fil-forma hemmek preskritta taht piena ta' nullita' – li bih tkun tista' toggezzjona.

Il-Qorti tifhem illi l-legislatur ried illi jassigura illi r-Registratur ikollu l-poteri u l-ghodda necessarji sabiex jkun f'posizzjoni illi jaccerta kemm jista' jkun illi r-Registru jinzamm nadif, fis-sens illi jkun jikkontjeni socjetajiet sahni u skond il-ligi, illi l-ufficjali tal-kumpanniji jottempraw ruhom mal-ligi u li l-kumpanniji jkunu dejjem in regola u *compliant* ma' dak li tirrikjedi minnhom il-ligi.

Minn naha l-ohra, il-legislatur haseb ukoll sabiex jaghti terminu ta' tletin gurnata illi fih kwalsiasi persuna illi jircievi tali att ufficjali u li jhossu aggravat bih, ikun jista' jressaq rikors u joggezzjona. B'hekk, din il-Qorti tqis illi l-legislatur sab il-bilanc bejn l-obbligi u d-drittijiet tar-Registratur u dawk tal-kumpanniji u l-ufficjali taghhom.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Issa, l-Qorti, una volta illi hija rinfaccjata b'rikors bhal dan u ma jirrizultax illi hemm kwistjonijiet dwar il-validita' tieghu, sejra tghaddi biex tikkunsidra r-ragunijiet mressqa mir-rikorrenti sabiex oggezzjonaw ghal dak mitlub minnhom bl-ittra ufficjali msemmija.

Issir referenza ghall-**Artikolu 427 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**, li ighid precizament hekk:

> *(1) Meta xi dispożizzjoni ta' dan l-Att tipprovdi għall-impożizzjoni ta' penali, l-ammont ta' dik il-penali għandu jkun stabbilit b'riferenza għall-Ħdax-il Skeda, li turi <u>l-penali massima</u> li tista' tiġi mposta mir-Reġistratur taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Att.*
>
> *(2) Fil-Ħdax-il Skeda, l-ewwel kolonna turi l-artikolu u s-subartikolu ta' dan l-Att li jippreskrivi li penali għandha tkun imposta, it-tieni kolonna tagħti deskrizzjoni ġenerali tal-ksur liema deskrizzjoni m'għandhiex titqies li tagħti tifsir lil xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, it-tielet kolonna tippreskrivi l-penali massima, u r-raba' kolonna tippreskrivi l-penali massima għal kull jum ta' nuqqas, jekk il-każ. Il-penali tkun dovuta fil-jum li fih jiġri n-nuqqas u l-penali għal kull jum li matulu jkompli u għandha tibda tgħodd mill-jum li jiġi wara dak li fih jiġri n-nuqqas.*
>
> *(3) Azzjoni mir-Reġistratur għall-ġbir ta' penali taħt dan l-Att tkun preskritta hekk kif jgħaddu ħames snin minn meta n-nuqqas ikun sar.*
>
> (4) *Kumpanija tkun responsabbli in solidum mal-uffiċjali tagħha għall-ħlas ta' kull penali amministrattiva imposta taħt dan l-Att.*

Il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz, il-penali mposti mir-Registratur ai termini tal-Hdax il-Skeda tal-Att jirrelataw ghall-Artikloli 120(4), 184(3) u 183(10) tal-KAP 386, u fl-iskeda jinstab hekk:

| **Artikolu** | **Nuqqas** | **Penali** | **Penali ta' kulljum** |
|---|---|---|---|
| *120(4)* | *Nuqqas ta' uffiċjali ta' kumpanija li jħarsu d-dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ ta' ċertifikati ta' azzjonijiet* | *€465.87* | *€23.29* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| *183(10)* | *Diretturi li jonqsu li jikkonsenjaw jew lijikkonsenjaw kontijiet annwali difettużi lir-Reġistratur* | *€2,329.37* | *€46.59* |
| *184(3)* | *Uffiċjali ta' kumpanija li jonqsu li jippreżentaw il-prospett annwali* | *€2,329.37* | *€46.59* |

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi l-Qorti sejra issa tghaddi biex tqis ir-ragunijiet ghall-oggezzjoni mressqa mir-rikorrenti fl-isfond tal-provvedimenti tal-ligi kif hawn fuq esposti. Huma essenzjalment tlieta l-oggezzjonijiet:

a) Preskrizzjoni,
b) Mario Aquilina mhux legittimu kontradittur
c) Nuqqas ta' kjarezza fil-mod kif l-penali gew imposti.

Il-Qorti sejra tqishom wahda wahda.

## Preskrizzjoni

Il-ligi hija cara, anzi carissima. *Azzjoni mir-Reġistratur għall-ġbir ta' penali taħt dan l-Att tkun preskritta hekk kif jgħaddu ħames snin minn meta n-nuqqas ikun sar.* Issa l-ligi tghid ukoll illi *l-penali tkun dovuta fil-jum li fih jiġri n-nuqqas u l-penali għal kull jum li matulu jkompli u għandha tibda tgħodd mill-jum li jiġi wara dak li fih jiġri n-nuqqas.*

Mill-atti huwa bil-ferm evidenti illi bl-ittra ufficjali tieghu, ir-Registratur qed jitlob il-hlas ta' penali ghall-allegati kontravenzjonijiet tal-ligi jew nuqqasijiet tal-kumpannija li jmorru anke lil-hin mill-hames snin preskritti bil-ligi, u ghaldaqstant, ghal dak li jirrigwarda appuntu dawk il-penalitajiet relattivi ghall-infrazzjonijiet li jmorru lil hinn minn dan il-perjodu preksrittiv – trid bilfors tapplika l-ligi u b'hekk jkunu dikjarati preskritti.

## Legittimu kontradittur

Mario Aquilina jsostni (u f'dan is-sens iressaq il-prova adekwata) illi huwa sar direttur u allura ufficjal tal-kumpannija Euro Conrete Blocks Limited b'effett mill-11 ta' Mejju 2011. Jghid ghalhekk illi ma ghandux jirrispondi ghall-allegati nuqqasijiet li setghu saru qabel dik id-data u l-penali hemmek impost fir-rigward tal-imsemmi perjodu.

Minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq dikjarat fir-rigward tal-azzjoni preskritta in parti, il-Qorti tfakkar illi hija gja kellha okkazjoni tghid, kif diversament preseduta, fil-kaz **Arkitett Mariello Spiteri vs Ir-Registratur tal-Kumpanniji u b`digriet tal-14 ta` Jannar 2009 gew kjamati fil-kawza Mario Camilleri u Randolph Camilleri** deciza fil-15 ta' Jannar 2015,

> *In-nuqqasijiet imputati mill-intimat huma li ma gewx sottomessi l-kontijiet annwali tal-kumpannija odjerna, kif rikjest mill-Art 183 tal-Kap 386, u lanqas kienu mibghuta l-prospetti annwali skond l-Art 184 tal-Kap 386.*
>
> *Il-Qorti tirrileva li dawn id-disposizzjoni huma of strict application u zzid tirrileva li hekk ghandu jkun.*

Ulterjorment il-ligi tghid car illi *Kumpanija tkun responsabbli in solidum mal-uffiċjali tagħha għall-ħlas ta' kull penali amministrattiva imposta taħt dan l-Att.*

## Nuqqas ta' kjarezza fil-mod kif l-penali gew impost

Il-Qorti tifhem illi ghalkemm il-legislatur jitkellem dwar '*reat'* u '*penali'*, b'dana kollu dawn mhumiex proceduri penali. Kif hawn fuq jinghad, dawn huma proceduri ai termini tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, simili ghal dawk misjuba fil-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bhal per ezempju dawk ai termini tal-Artikolu 166A fejn ammont cert likwidu u dovut jigi rez ezekuttiv permezz ta' procedura ta' notifika ta' ittra ufficjali – bis-salvagwardji kollha hemmek stipulati. Fil-fatt il-ligi tirreferi ghall-istess penali bhala '*penali amministrativa*'.

B'dana kollu l-Qorti irid ikun ikollha s-serhan tal-mohh illi l-persuna illi tkun qed tircievi tali notifika, ghandha tkun notifikata b'dettalji bizzejjed biex hija tifhem ghal xiex u dwar xiex qed tehel l-penali, tifhem fejn zbaljat jekk zbaljat u dan kollu, fuq kollox, biex tali persuna tkun tista' tressaq oggezzjoni validi ghall-kontestazzjoni taghha kif inhu dritt taghha li taghmel, bhal fil-kaz odjern.

Il-Qorti tqis illi mir-rendikont anness f'dawn il-proceduri, il-Qorti qed tosserva:

(1) Hemm indikat penali fl-ammont ta' mija u sitta u tmenin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€186.25) taħt l-artikolu 120(4) minħabba sottomissjonijiet tardivi tal-Formuli T.

F'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma illi biex ikunu osservati d-dettami tal-ligi, ir-Registratur kellu almenu (a) jindika meta seħħ dan l-allegat fatt u (b) jaghti spjega ahjar tas-somma inflitta bhala penali. Mid-dokument esebit u kif notifikat, ir-recipjent la jaf jekk dawk humiex kollha penali, u jekk iva indikazzjoni illi r-Registratur ma mponiex il-piena massima, u lanqas ma jaf jekk dak l-ammont mitlub jinkludix penali ta' kulljum kif tippermetti l-ligi.

(2) Hemm indikat penali ta' erba' mitt Euro (€400) peress illi allegatament ma kinitx registrata l-annual return ghas-sena 2010.

Ghal darb'ohra, minghajr pregudizzju ghall-preskrizzjoni, il-Qorti trid tosserva illi biex ikunu osservati d-dettami tal-ligi, ir-Registratur kellu almenu jaghti spjega ahjar tas-somma inflitta bhala penali. Mid-dokument esebit u kif notifikat, ir-recipjent la jaf jekk dawk humiex kollha penali, u jekk iva indikazzjoni illi r-Registratur ma mponiex il-piena massima, u lanqas ma jaf jekk dak l-ammont mitlub jinkludix penali ta' kulljum. Ulterjorment u fir-rigward ta' dan, jidher illi din l-allegata kontravenzjoni/nuqqas tinsab ripetuta ghal darb'ohra fir-raba' u l-ahhar item, biex b'hekk jidher illi hemm penali doppja ghall-istess nuqqas.

(3) Hemm indikat penali fl-ammont ta' ħdax -il elf, seba' mija u sitta u għoxrin Ewro (€11,726) taħt l-artikolu 183(10) minħabba li allegatment, sas-6 t'April 2020 ma kienux ġew sottomessi l-kontijiet annwali tas-snin 2004 sa 2018.

Ukoll, minghajr pregudizzju ghall-preskrizzjoni, il-Qorti trid tosserva illi biex ikunu osservati d-dettami tal-ligi, ir-Registratur kellu almenu jaghti spjega ahjar tas-somma inflitta bhala penali. Mid-dokument esebit u kif notifikat, ir-recipjent la jaf jekk dawk humiex kollha penali, u jekk iva indikazzjoni illi r-Registratur ma mponiex il-piena massima, u lanqas ma jaf jekk dak l-ammont mitlub jinkludix penali ta' kulljum. Il-Qorti tqis illi meta l-piena massima (eskluz piena ghal kull jum) hija ta' €2,329.37, il-piena massima ghall-perjodu kollu indikat huwa ta' €34,940.55 ghall-15 il-sena kollha. Issa fil-kaz illi r-Registratur dehrlu illi ma kellux jinflitti l-piena massima, ir-recipjent ghandu dritt, tqis il-Qorti, illi jkun jaf kif ezercita d-diskrezzjoni tieghu ir-Registratur,

ghaliex anke dik tista' tkun soggetta ghall-oggezzjoni da parti tar-recipjent.

(4) Hemm finalment indikat penali fl-ammont ta' erbat elef, mitejn u wieħed u erbgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€4,241.50) taħt l-artikolu 184(3) minħabba li sat-3 t'April 2020 ma kienux ġew sottomessi l-*annual returns* tas-snin 2010 sa 2018.

Minghajr pregudizzju ghall-kwisjtoni tal-preskrizzjoni u l-fatt illi s-sena 2010 ġiet ikkunsidrata darbtejn, ghal darb'ohra, il-Qorti trid tosserva illi biex ikunu osservati d-dettami tal-ligi, ir-Registratur kellu almenu jaghti spjega ahjar tas-somma inflitta bhala penali. Mid-dokument esebit u kif notifikat, ir-recipjent la jaf jekk dawk humiex kollha penali, u jekk iva indikazzjoni illi r-Registratur ma mponiex il-piena massima, u lanqas ma jaf jekk dak l-ammont mitlub jinkludix penali ta' kulljum.

Oltre` minn hekk, jirrizulta car u ppruvat li r-rikorrenti Marco Aquilina, tramite l-avukat tiegħu, għamel diversi tentattivi ta' kuntatt (tlett tentattivi) mar-Reġistratur intimat sabiex jinghata spjegazzjoni tas-somma pretiża minnu u fhiex kienet tikkonsisti (ara fol 41 u 42) - iżda din il-korrispondenza bagħqet mhux imwieġba.

**Certament illi l-Qorti ma tistghax thalli dan jghaddi inosservat u tqis illi bhala Regolatur li bil-ligi ghandu dritt jimponi u jigbor penali, huwa ma jistax jinjora talbiet bhal dawn f'kuntest meta l-ligi qed ittih il-poter illi jitlob hlas ta' penali ghall-allegati reati mwettqa fil-kuntest tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kuntest meta huwa ghandu id-diskrezzjoni illi jinfliggi massimu jew anqas ta' ammonti ta' penali u f'kuntest ukoll tal-lanjanzi illi l-Qorti sabet hawn fuq fir-rigward ta' kull wahda mill-erba' items fir-rendikont anness mal-ittra ufficjali.**

Għalhekk ghar-ragunijiet kollha hawn fuq moghtija, din il-Qorti sejra tilqa' t-talba tar-rikorrenti u l-oggezzjoni minnhom mressqa u tiddikjara illi l-penali pretiżi mir-Reġistratur intimat bl-ittra ufficjali 268/2022 tal-20 ta' Jannar 2022 mhix dovuta skont il-liġi.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti qed tghaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u l-oggezzjoni minnhom mressqa u tiddikjara illi l-penali pretiżi mir-Reġistratur intimat bl-ittra ufficjali 268/2022 tal-20 ta' Jannar 2022 mhix dovuta skont il-liġi.

L-ispejjeż ta' dawn il-proceduri jkunu a kariku tar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**